Suppliment tal-Gazzetta tal-Gvern ta' Malta Nru. 20,778, 2 ta' Frar, 2022

Taqsima B

A.L. 43 tal-2022

ATT DWAR L-EDUKAZZJONI (KAP. 327)

L-Ordinamenti tal-2022 biex jemendew l-Ordinamenti tal-2008 skont ir-Regolamenti Ġenerali tal-2021 għar-Rikonoxximenti Universitarji ta' wara l-Ewwel Grad għall-Grad ta' Master in Contemporary Diplomacy taħt il-patroċinju tal-Fakultà ta' l-Arti

BIS-SAĦĦA tas-setgħat mogħtija lilu skont l-artikoli 74 (5) u 75 (6) tal-Att dwar l-Edukazzjoni (Kap. 327), il-Kanċillier tal-Università ta' Malta ppromulga dawn l-ordinamenti magħmulin mill-Bord tal-Fakultà tal-Arti bis-saħħa tas-setgħat mogħtija lilu skont l-artikolu 81 (1) (ċ) ta' dak l-Att u li ġew approvati mis-Senat tal-Università ta' Malta kif jirrikjedi l-artikolu 81 (2) ta' dak l-Att:

It-Titlu

1. Dawn l-ordinamenti jistgħu jissejħu bħala l-Ordinamenti tal-2022 biex jemendaw l-Ordinamenti tal-2008 skont ir-Regolamenti Ġenerali tal-2021 għar-Rikonoxximenti Universitarji ta' wara l-Ewwel Grad għall-grad ta' Master in Contemporary Diplomacy u għandhom jinqraw u jinftiehmu bħala ħaġa waħda mal-Ordinamenti tal-2008 skont ir-Regolamenti Ġenerali tal-2021 għar-Rikonoxximenti Universitarji ta' wara l-Ewwel Grad għall-grad ta' Master in Contemporary Diplomacy taħt il-patroċinju tal-Fakultà tal-Arti ippubblikati bħala Avviż Legali 317 tal-2008, li minn hawn 'il quddiem jissejħu "l-ordinamenti prinċipali".

L-Applikabilità

2. Dawn l-ordinamenti għandhom japplikaw minn Ottubru 2021 'il quddiem.

L-Emenda għall-ordinament 8 tal-ordinamenti prinċipali

3. Il-paragrafu (4) tal-ordinament 8 tal-ordinamenti prinċipali għandu jiġi mħassar.